# FIL-QORTI ĊIVILI
# SEZZJONI TAL-KUMMERĊ

## ONOR. IMĦALLEF
## IAN SPITERI BAILEY LL.M. LL.D.

## Illum, il-Ġimgħa, 24 ta' Mejju, 2024.

**Kawża Nru. 1**

**Rik. Nru. 81/2023 ISB**

**Carlos Alberto Lopes Goncalves detentur tal-Passaport Portugiż bin-numru CB618579**

**vs**

**Ir-Reġistratur tal-Kumpaniji**

**Il-Qorti,**

Rat **ir-rikors** tar-rikorrenti **Carlos Alberto Lopes Goncalves**, intavolat fil-15 ta' Diċembru 2023, li permezz tiegħu huwa talab lill-Qorti sabiex:-

1. *Tordna lir-Registratur tal-Kumpaniji sabiex, ai termini tal-Artikolu 325(4) tal-Kap. 386 tal-Ligijiet ta' Malta, jerga'*

*jiddahhal l-isem tal-kumpanija Rocksolid Investments Holding Limited [C-75968] fir-registru tal-kumpaniji, b'dan illi l-istess kumpanija titqies li kompliet bl-ezistenza taghha daqs li kieku isimha ma kienx thassar minn fuq ir-registru;*

2. *Tordna lir-Registratur tal-Kumpaniji sabiex iwettaq dawk il-publikazzjonijiet kollha mehtiega ai termini tal-ligijiet relattivi ghal tali inserzjoni fir-registru tal-kumpaniji;*

3. *Taghti dawk id-direzzjonijiet u taghmel dawk il-provvedimenti xierqa u opportuni sabiex il-kumpanija Rocksolid Investments Holding Limited [C-75968] u l-persuni kollha interessati, jitqieghdu fl-istess posizzjoni kemm jista' jkun vicin dik li kieku l-isem tal-imsemmija kumpanija ma jkunx thassar minn fuq ir-registru.*

U dan wara li ppremetta:

*Illi r-rikorrent huwa d-detentur tal-passaport Portugiz bin-numru CB618579* ***[DOK AN1]*** *kif ukoll tal-Passaport tal-Angola bin-numru N1603041* ***[DOK AN2]***

*Illi r-rikorrent huwa l-beneficjarju uniku tal-kumpanija bl-isem ORIENTESUPLENTE S.A. registrata l-Portugal bin-numru tar-registrazzjoni tat-taxxa Portugiza 514021969 [**DOK AN3**];*

*Illi bhal ma jirrizulta mill-anness dokument AN3, l-azzjonist uniku tal-kumpanija ORIENTESUPLENTE S.A. hija l-kumpanija Maltija bl-isem Rocksolid Investments Holding Limited, kumpanija bir-numru ta' registrazzjoni C-75968 bl-indirizz registrat Level G, Office 1/3725, Quantum House 75, Abate Rigord Street, Ta' Xbiex;*

*Illi r-rikorrent sar jaf illi l-kumpanija Rocksolid Investments Holding Limited [C-75968] giet imhassra minn fuq ir-registru tal-kumpaniji f'Malta b'effett mit-28 ta' Mejju 2023 [**DOK AN4**];*

*Illi qabel ma' thassret minn fuq il-registru tal-kumpaniji f'Malta, l-uniku azzjonist tal-kumpanija Rocksolid Investments Holding Limited [C-75968] kien proprju ir-rikorrent;* ***[DOK AN5];***

*Illi l-kumpanija ORIENTESUPLENTE S.A. hija kumpanija illi topera fl-industrija tal-bini u "inter alia" ghandha proprjetajiet immobbli fil-Portugal iktar precizament:-*

- *442-446, Rua do Bonjardim, Porto, Portugal; u*

- *41, 43 u 45 Rua de Mouzinho da Silviera, Porto, Portugal u 38, 40 u 42 Rua Dr. Sousa Viterbo, Porto, Portugal*

*bhalma jirrizulta minn zewg certifikati permanenti ta' proprjeta immobbli ("Permanent Real Estate Certificates"] annessi u mmarkati bhala* ***DOK AN6*** *u* ***DOK AN7*** *rispettivament;*

*Illi r-rikorrent, kemm fil-kwalita tieghu ta' beneficjarju tal-kumpanija ORIENTESUPLENTE S.A. kif ukoll fil-kwalita tieghu ta' azzjonist uniku tal-kumpanija Rocksolid Investments Holding Limited [C-75968] – illi giet imhassra mir-registru -- ghandu interess, ai termini tal-Artikolu 325 (4) tal-Kap. 386 tal-Ligijiet ta' Malta, illi l-isem tal-kumpanija Rocksolid Investments Holding Limited [C-75968] jerga' jidhol fir-registru stante l-fatt illi jekk dan ma jsirx, l-ishma kollha illi din ta' l-ahhar kellha fil-kumpanija sussidjarja taghha ORIENTESUPLENTE S.A fil-Portugal (u allura indirettament il-proprjetajiet immobbli fuq imsemmija illi ghandha l-kumpanija ORIENTESUPLENTE S.A) jghaddu ghand il-Gvern Malti skont l-Artikolu 325 (2) tal-Kap. 386 tal-Ligijiet ta' Malta bi pregudizzju rriversibbli ghar-rikorrent jekk it-talba tieghu ma tigix milquha;*

*Illi dejjem ai termini Artikolu 325 (4) tal-Kap. 386 tal-Ligijiet ta' Malta, fil-gurnata tal-prezentata ta' dan ir-rikors, ghadu ma ddekorriex il-perjodu ta' hames snin mill-publikazzjoni tal-avviz tat-thassir tal-isem tal-kumpanija Rocksolid Investments Holding Limited [C-75968] minn fuq ir-registru tal-kumpaniji;*

Rat **id-dokumenti** ppreżentati mar-rikors (fol 4 sa fol 28).

Rat **id-digriet** tagħha ta' Jannar 2024 li bih ir-rikors kien appuntat għas-smigħ għall-udjenza tat-23 ta' Frar 2024 fid-9:30 a.m.

Rat illi fit-22 ta' Frar 2024, ir-**Reġistratur tal-Kumpaniji** intimat ippreżenta **r-risposta** tiegħu (fol 31) bid-dokumenti hemmhekk annessi, li permezz tagħha, huwa sostna:

*Illi l-kumpanija Rocksolid Investments Holding Limited (C 75968) kienet ġiet reġistrata fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji ("Reġistru") fid-9 ta' Ġunju 2016;*

*Illi fiż-żmien li damet fuq ir-Registru, il-kumpanija naqset mill-obbligi tagħha illi tibgħat kontijiet u prospetti annwali lir-Reġistratur għar-reġistrazzjoni ai termini tal-Att dwar il-Kumpaniji. Tant hu hekk, illi l-aħħar prospett annwali sottomess kien dak relatat mas-*

*sena 2020 filwaqt illi l-kumpanija qatt ma ssottomettiet kontijiet annwali sa mid-data tar-reġistrazzjoni tagħha;*

*Illi tali nuqqas kien raġuni biżżejjed sabiex l-esponenti Reġistratur tissoponi illi il-kumpanija in kwistjoni ma kienetx qed topera jew tmexxi negozju ai termini tal-Artikolu 325 tal-Att dwar il-Kumpaniji;*

*Illi in vista tas-suespost, ir-Reġistratur proċediet sabiex kitbet lill-kumpanija u lill-uffiċjal tagħha sabiex javża illi l-isem tal-kumpanija kien ser jiġi mħassar minn fuq ir-Reġistru kemm il-darba ma tintweriex raġuni sabiex dan ma jseħħx;*

*Illi r-Reġistratur bagħtet l-ewwel avviż permezz ta' ittra lill-kumpanija (annessi u mmarkati bħala Dok. '**A**', l-ittri u l-pubblikazzjonijiet kollha maħruġa mir-Reġistratur), fuq l-indirizz reġistrat Level G, (Office 1/3725), Quantum House 75, Abate Rigord Street, Ta' Xbiex XBX 1120, Malta, datata s-26 ta' Jannar 2023. Illi, fit-30 ta' Mejju 2022, ir-Reġistratur irċeviet notifika illi l-kumpanija ma kienx għad għandha l-kunsens tuża l-uffiċju reġistrat (Dok. '**B**'). Madanakollu, ta' min jispeċifika illi r-Reġistratur ma setgħetx tibghat tinforma lil xi uffiċjal tal-kumpanija, minħabba l-fatt illi fid-19 ta' Novembru, 2021, WH Management Limited irrżenjat minn segretarju tal-kumpanija u Raffele Piu rreżenja minn direttur tal-Kumpanija u għaldaqstant, il-kumpanija spiċċat mingħajr ebda uffiċjal (Dok. '**C**'). Illi huwa r-responsabbilita' tal-kumpanija nnifisha u tal-uffiċjali tagħha li jassiguraw illi ir-Reġistratur ikollha l-informazzjoni l-iżjed reċenti u korretta. Għaldaqstant, ir-Reġistratur ma setgħetx tagħmel mod ieħor u mxiet skont kif tirrikjedi l-liġi;*

*Illi t-tieni avviż ġie mibgħut permezz ta' ittra oħra lill-kumpanija f l-istess indirizz fit-28 ta' Frar 2023;*

*Illi f'dawn l-ittri il- kumpanija ġiet infurmata illi la darba kienet ilha snin tonqos mill-obbligi tagħha skont l-artikolu 325 tal-Att dwar il-*

*Kumpaniji, f'każ li ma tweġibx l-ewwel ittra fi żmien xahar, u t-tieni ittra fi żmien tliet xhur, ir-Reġistratur kienet se tkompli bil-proċess ta' tħassir ta' l-isem tal-kumpanija;*

*Illi fit-28 ta' Frar 2023, inħarġet pubblikazzjoni fuq Times of Malta fejn isem il-kumpanija kien wieħed fost oħrajn illi kien ser jiġi mneħħi minn fuq ir-Reġistru tal- Kumpaniji fi żmien tliet xhur, la darba ma jkunx hemm oġġezzjoni għal dan;*

*Illi fil-frattemp ir-Reġistratur qatt ma rċeviet l-ebda tip ta' risposta jew dokumenti pendenti mingħand il-kumpanija u għaldaqstant fil-31 ta' Mejju 2023, li jaħbat tliet xhur mill-pubblikazzjoni msemmija hawn fuq, l-esponenti ħarġet avviż fuq website miżmuma minnha fejn ġie avżat illi l-isem tal-kumpanija in kwistjoni kien ġie mħassar minn fuq ir-Reġistru;*

*Illi jidher biċ-ċar illi ir-rikorreni qatt ma kellu interess li jimxi skont il-liġi dwar il-kumpaniji u infatti naqas milli jissottometti dokumenti mandatorji mar-Reġistratur għal numru twal ta' snin minkejja diversi notifiki li kienu jintbagħtu lil kumpanija. Ir-rikorrent injora wkoll il-multi illi jfakkruh f'tali nuqqas u qatt ma affettwa l-pagamenti tal-multi. Illi l- penali fuq nuqqas ta' reġistrazzjoni ta' prospetti annwali kif ukoll tal-kontijiet annwali jammontaw għal* ***EUR 4,461 (****ammont ikkalkulat sad-data tal-preżentata tar-rikors u tali ammont ikun irid jiġi aġġornat sad-data li fihom jiġu sottomessi d-dokumenti).*

*Illi di piu', il-pagamenti pendenti fuq reġistrazzjoni ta' prospetti annwali jammontaw għal* ***EUR 420;***

*Illi filwaqt illi r-Reġistratur tixtieq illi jekk il-kumpanija terġa titpoġġa fuq ir-Reġistru, tali kumpanija għandha taġġorna d-dokumentazzjoni meħtieġa (inkluż il-prospetti annwali u l-kontijiet annwali) u dan ukoll sabiex jiġi salvagwardjat l-interessi tat-terzi persuni. Ir-Reġistratur qiegħda umilment tissolleva illi qiegħda*

*tħalli f'idejn dina l-Onorabbli Qorti u fil-provi sabiex jiġu magħrufin il-passi illi għandhom jittieħdu min-naħa tiegħu sabiex il-pożizzjoni tal-kumpanija in kwistjon tiġi rattifikata.;*

*Illi għaldaqstant is-Reġistratur hija lesta li toqgħod għal kull direzzjoni u provediment illi din l-Onorabbli Qorti jidrilha xierqa u opportuni fiċ-ċirkostanzi partikulari ta' dan il-każ.*

Rat illi fl-udjenza tat-23 ta' Frar 2024, deher l-Avukat Antoine Naudi għar-rikorrent u dehret l-Avukat Claudette Fenech għar-Reġistratur tal-Kumpaniji.

Rat ukoll illi fl-udjenza tat-23 ta' Frar 2024, id-difensuri tar-Reġistratur intimat iddikjarat illi l-pendenzi kollha li kellha s-soċjetà Rocksolid Investments Holdings Limited ġew regolarizzati.

Rat ukoll illi fl-udjenza tat-23 ta' Frar 2024 bi qbil bejn id-difensuri tal-partijiet, il-kawża tħalliet għal-lum għall-provvediment.

Rat l-atti l-oħra tal-kawża.

**Ikkunsidrat**:

Illi jirriżulta illi din hija azzjoni mressqa mir-rikorrent *ai termini* tal-**Artiklu 325(4) tal-Kap 386 tal-Liġijiet ta' Malta**, u li permezz tagħha, ir-rikorrent, jgħid li huwa l-azzjonist ewlieni tal-kumpanija **Rocksolid Investments Holding Limited (C-75968)**, liema kumpanija tħassret minn fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji fit-28 ta' Mejju 2023.

Jispjega li l-kumpanija *de quo* hija l-unika azzjonista fis-soċjetà estera ORIENTESUPLENTE S.A., ta' liema kumpanija r-rikorrenti huwa l-benefiċjarju aħħari u liema kumpanija topera fl-industrija tal-bini u li għandha numru ta' proprjetajiet immobbli fil-Portugal.

Illi, f'dan il-kuntest, ir-rikorrent għandu kull interess illi l-istess kumpanija terġa' titqiegħed fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji u dana stante li jekk kemm-il darba l-istess assi jiddevolvu favur il-Gvern ta' Malta, dan ikun għalih bi preġudizzju rriversibbli.

In sostenn ta' dan ir-rikorrent ippreżenta numru ta' dokumenti li din il-Qorti ħadet konjizzjoni tagħhom.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

Illi l-intimat Reġistratur jgħid illi l-kumpanija msemmija kienet naqset mill-obbligi tagħha mar-Reġistratur li tibgħat kontijiet u prospetti annwali.

Illi għalhekk kellu kull raġuni valida fil-liġi biex tikkanċella l-kumpanija u għaddiet mill-proċeduri kollha li trid il-liġi biex sar dan u li jekk kemm-il darba tiġi ravvivata, dan għandu jsir b'tali mod li l-kumpanija tiġi ravvivata fi stadju ta' stralċ.

**Ikkunsidrat ulterjorment:**

**Art. 325(4) tal-KAP 386 tal-Liġijiet ta' Malta:**

> *Jekk membru jew kreditur tal-kumpanija, jew xi persuna oħra li fil-fehma tal-Qorti jkollha interess li tħossha aggravata bil-fatt li l-isem tal-kumpanija jkun tħassar minn fuq ir-Reġistru bis-saħħa ta' dan l-artikolu, il-Qorti, fuq rikors magħmul mill-membru jew kreditur jew minn dik il-persuna l-oħra, qabel ma jgħaddu ħames snin mill-pubblikazzjoni tal-avviż tat-tħassir provdut fis-subartikoli (2) u (3), tista', jekk tkun sodisfatta li jkun xieraq li l-isem tal-kumpanija jerġa' jidħol fir-reġistru, tordna li dak l-isem jerġa' jidħol fir-reġistru, u mal-konsenja ta' kopja uffiċjali tal-ordni mir-Reġistratur tal-Qrati lir-Reġistratur għar-reġistrazzjoni, il-kumpanija għandha titqies li kompliet bl-eżistenza tagħha daqslikieku isimha ma kienx tħassar; u l-Qorti tista' bl-ordni tagħha tagħti dawk id-direzzjonijiet u tagħmel dawk il-provvedimenti li jidhrilha xierqa biex il-kumpanija u l-persuni l-oħra kollha jitqiegħdu fl-istess pożizzjoni kemm jista' jkun viċin dik li kieku l-isem tal-kumpanija ma jkunx tħassar. Ir-Reġistratur għandu minnufih jgħaddi biex jippubblika avviż fil-Gazzetta jew fuq website miżmuma mir-Reġistratur u f'gazzetta li toħroġ kuljum li ċ-*

> *ċirkolazzjoni tagħha tkun għal kollox jew prinċipalment f'Malta u l-isem tal-kumpanija jerġa' jidħol fir-reġistru.*

Il-Qorti qieset u fliet ir-rekwiżiti li hemm bżonn biex kumpanija kummerċjali li tneħħiet minn fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji terġa' ssib postha fuqu *ai termini* tas-Sub-Artiklu appena ċitat.

M'hemmx dubju illi għadhom ma għaddewx il-ħames snin minn meta l-kumpanija Rocksolid Investments Holding Limited ġiet ikkanċellata minn fuq ir-Reġistru.

Id-dokumenti ppreżentati jitkellmu waħedhom u ma jirriżultax lanqas kontestazzjoni dwar il-fatti li irriżultaw.

Il-Qorti però, kif tagħmel dejjem f'ċirkostanzi bħal dawn u qabel ma tgħaddi għall-provvediment, tqis id-disponibilità li kellu r-rikorrent illi jirregolarizza l-affarijiet tal-kumpanija mar-Reġistratur intimata. F'dan il-każ, ir-rikorrent hekk għamel minnufih tant illi l-Qorti ġiet mgħarrfa fl-ewwel seduta effettiva illi l-pendenzi kollha kienu ġew regolarizzati.

Bi qbil bejn id-difensuri tal-partijiet għalhekk, il-Qorti ġiet mistiedna tgħaddi għall-provvediment.

**GĦALDAQSTANT**, fid-dawl tal-provvedimenti tal-KAP 386 hawn fuq ċitati u fid-dawl ta' dak hawn fuq kkunsidrat, il-Qorti jidhrilha illi għandha tilqa' t-talbiet tar-rikorrent u dana billi:

1. **Fl-ewwel lok**, <u>tordna</u> lir-Reġistratur tal-Kumpaniji sabiex, *ai termini* tal-Artiklu 325(4) tal-KAP 386 tal-Liġijiet ta' Malta, fi żmien ħmistax-il jum, jerġa' jdaħħal l-isem ta' **Rocksolid Investments Holding Limited (C-75968)** fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji, biex b'hekk titqies illi kompliet bl-eżistenza tagħha daqs li kieku isimha ma kienx tħassar minn fuq ir-Reġistru.

2. **Fit-tieni lok** <u>tordna</u> lir-Reġistratur tal-Kumpaniji sabiex iwettaq dawk il-pubblikazzjonijiet kollha meħtieġa *ai termini* tal-liġi relattiva għal tali inserzjoni mill-ġdid tal-kumpanija msemmija fir-Reġistru tal-Kumpaniji.

3. **Fit-tielet lok**, tordna, illi l-isem ta' **Rocksolid Investments Holding Limited (C-75968)** jitpoġġa lura fuq tali Reġistru tal-Kumpaniji.

4. **Fir-raba' lok**, tordna illi l-ispejjeż ta' din il-proċedura u kif ukoll kwalsiasi spejjeż illi jista' jinkorri r-Reġistratur intimat sabiex jirrestitwixxi isem il-kumpanija **Rocksolid Investments Holding Limited (C-75968)**fuq ir-Reġistru tal-Kumpaniji jkunu a karigu tar-rikorrent.

**Onor. Ian Spiteri Bailey**
**Imħallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Reġistratur**